# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Marzu 2002**

**Numru**

**Citaz. numru 834/94 DS**

Pauline Friggieri, Rose Friggieri, Evelyn Stellini u Mary Desira

vs

David Zahra u Alfred Plum

Illum, 8 ta' Marzu 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-20 ta' Gunju 1994 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Cachia tal-14 ta' Gunju 1974, Emanul Friggieri ikkonceda b'titolu ta' subenfitewsi temporanja ghal perjodu ta' sbatax il-sena lill-konvenut Alfred Plum, li bl-istess titolu accetta u akkwista l-fond "Deneve", f'Misrah il-Barrieri, Msida, u dan taht il-pattijiet u kundizzjonijiet miftehma fl-istess att (Dokument A).

Illi dan l-istess fond gie kkonsenjat lill-konvenut Alfred Plum fi stat tajjeb ta' riparazzjoni u f'kundizzjoni tajba.

Illi l-istess konvenut Alfred Plum obbliga ruhu, ai termini tal-imsemmi kuntratt, illi jzomm l-istess fond fi stat tajjeb u li hekk jikkonsenjah lura fit-terminazzjoni ta' din is-subenfitewsi.

Illi Emanuel Friggieri miet fis-17 ta' Frar 1988 u halla warajh lil martu, l-attrici Pauline Friggieri, bhala uzufruttwarja, u lill-uliedu l-atturi Evelyn Stellini, Rose Friggieri u Mary Desira bhala werrieta.

Illi l-imsemmi fond gie vvakat mill-konvenut Alfred Plum minghajr ma ta ebda avviz ta' dan lill-atturi, u okkupat mill-konvenut David Zahra minghajr il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni tal-atturi.

Illi b'sentenza deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta' Dicembru 1992 (Avviz Numru 1213/92 MM), il-konvenut David Zahra gie ordnat jizgombra mill-fond minnu okkupat.

Illi finalment, il-konvenut David Zahra ikkonsenja c-cwievet tal-fond "de quo" lill-atturi, illi meta dahlu fl-istess fond, sabu illi dan kien fi stat perikoluz u malandat.

Illi l-konvenuti, jew min minnhom, kemm damu fil-pussess tal-fond arrekaw hsarat kbar fl-istess fond, kif iccertifikat mill-Perit Arkitett u Inginier Civili Anthony Muscat (Dokument B), u dana kollu ghad-dannu u spejjez tal-atturi.

Illi nonostante interpellati sabiex jaddivjenu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-atturi, kif fuq spjegat, il-konvenuti baqghu inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

talbu li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom unikament responsabbli ghall-hsarat kollha kkawzati fil-fond "Deneve", Misrah il-Barrieri, Msida, u tad-danni konsegwenzjali sofferti mill-istess atturi;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, previa okkorrendo bl-opera ta' periti w esperti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-atturi, in linea ta' danni, is-somma illi tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Jannar 1994 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Alfred Plum fejn qal:

Illi t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kollha kontra l-atturi peress illi

l-eccipjent, kostrett kontra l-volonta' tieghu jikkunsinna c-cwievet tal-fond in kwistjoni lid-Dipartiment tad-Djar, ikkunsinnah fi stat tajjeb ta' riparazzjoni u f'kundizzjoni tajba;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut David Zahra fejn qal:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti fil-konfront tieghu peress illi huwa ma kienx responsabbli ghal hsarat li kien fih il-fond in kwistjoni anzi kien l-istess konvenut Zahra li ghamel benefikati minn flusu sabiex dan l-istess fond ma jibqax aktar fi stat perikoluz;
2. Illi ghalhekk huwa ma ghandu ibghati ebda spejjes tal-kawza odjerna;
3. Salve eccezzjonijiet ulterjuri jekk jinqala l-kaz.

L-atturi u l-konvenut Alfred Plum qieghdin jigu minn issa ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni filwaqt li qieghda tigi riservata favur tieghu kull azzjoni ghad-danni spettanti lilu skond il-ligi kontra l-konvenut Alfred Plum.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Marzu 1995 fejn gie nominat l-A.I.C. Rene' Buttigieg bhala perit tekniku biex jaccedi fuq il-post, jikkonstata bhala fatt id-danni reklamati mill-atturi u jekk jirrizultaw jirrelata dwar it-talba taghhom;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa fit-22 ta' Marzu 2000;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Alfred Plum fejn qal:

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, ukoll minhabba karenza tal-interess da parti tal-istess atturi, li fil-mori tal-kawza bieghu l-fond in kwistjoni lil terzi, u ghalhekk u konsegwentement m'ghadx aktar ghandhom interess u locus standi f'dina l-istanza;

Illi in subordine u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mori ta' din il-kawza irrizulta wkoll illi s-soqfa tal-fond in kwistjoni huma tajbin u li m'huma bl-ebda mod kundannabli, kuntrarjament ghat-tezi tal-atturi, u konsegwentement l-eccipjent la jista' jigi ddikjarat risponsabbli ta' hsarat inesistenti u wisq anqas ikkundannat sabiex ihallas xi danni jew kumpens lill-atturi f'dan ir-rigward.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjes.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Dwar l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Alfred Plum

Nonostante li l-konvenut Alfred Plum gie awtorizzat iressaq eccezzjonijiet ulterjuri dwar l-allegata karenza ta' interess ta' l-atturi minhabba bejgh tal-fond in kwistjoni lil terzi fil-mori tal-kawza u, subordinatament, li s-soqfa ta' l-istess fond mhumiex fil-fatt kundannabbli, huwa ma ressaq l-ebda prova biex jissostanzja dawn l-allegazzjonijiet tieghu. Ghalhekk dawn l-eccezzjonijiet ulterjuri huma michuda.

Dwar il-mertu

Jirrizulta mill-provi li Emanuel Friggieri kien ikkonceda l-fond "Deneve" f'Misrah il-Barrieri, Msida, lill-konvenut Alfred Plum b'titolu ta' subenfitewsi temporaneju ghal perijodu ta' sbatax-il sena, u dan permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Cachia ta' l-14 ta' Gunju 1974. Meta l-konvenut Alfred Plum ivvaka l-fond, huwa kkonsenja c-cwievet lid-Dipartiment tad-Djar li

sussegwentement alloka l-fond lill-konvenut David Zahra. B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-7 ta' Dicembru 1992, il-konvenut David Zahra gie ordnat jizgombra mill-istess fond. Meta finalment ikkonsenja c-cwievet lis-sidien instab li kien hemm diversi hsarat fil-fond, partikolarment fis-soqfa li, skond certifikat rilaxxat mill-A.I.C. Anthony Muscat (Dik. B a fol. 11) kien perikolanti.

Billi Emanuel Friggieri miet fis-17 ta' Frar 1988, dawn il-proceduri ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni gew istitwiti minn martu, l-attrici Pauline Friggieri, u t-tliet uliedhom Rose Friggieri, Evelyn Stellini u Mary Desira.

Il-perit tekniku zamm zewg accessi, wiehed fil-25 ta' April 1995 u iehor fis-26 ta' Gunju 1998. Matulhom ghamel diversi konstatazzjonijiet dwar il-hsarat li kien hemm fil-fond in kwistjoni u l-Qorti tirreferi ghall-verbali relattivi ta' dawn l-accessi a skans ta' ripetizzjoni. Li jrid jigi determinat fil-fatt huwa jekk il-konvenuti, jew min minnhom, humiex responsabbli ghall-hsarat u, jekk fl-affermattiv, f'liema proporzjon u ammont.

Jidher li l-konvenut Plum kien ivvaka l-fond qabel ma skada c-cens, tant li l-attrici Rose Friggieri xehdet li meta spicca c-cens fl-1991, billi l-imsemmi konvenut kien dejjem puntwali bic-cens u dik l-iskadenza ma marx ihallas, marret tfittxu u sabet il-post maghluq, izda saret taf minghand il-mama` tieghu

li kien ta l-post lill-Housing peress li kien ha post tal-Gvern. Skond Noel Borg, rapprezentant tad-Dipartiment tad-Djar, Alfred Plum ikkonsenja c-cwievet fis-16 ta' Jannar 1992 u l-fond gie allokat lil David Zahra fit-22 ta' Jannar 1992.

Ma jirrizultax li saret spezzjoni tal-fond mid-Dipartiment qabel ma nghataw ic-cwievet lil David Zahra. Pero` jidher li l-istat hazin tas-soqfa kienet diga` tezisti meta ha c-cwievet. David Zahra xehed li meta mar jara l-post ma' missieru flimkien ma' messaggier tad-Dipartiment tad-Djar kien hemm hafna konkos ma' l-art li deher li kien waqa' mis-saqaf, hafna madum ma' l-art li kien waqa' mill-hitan tal-kcina, il-*mixer* ma kienx jahdem u l-*geyser* deher imtaqqab billi fl-art kien hemm hafna sadid minnu, u l-parti ta' taht tal-gallarija kienet immermra. Il-bjut kellhom qsim fuqhom u fuq il-bejt kien hemm kamra ta' l-injam u zingu bl-imbarazz go fiha. Is-soqfa kellhom konkos maqlugh u x-xibka tidher imsadda. Is-saqaf tal-kamra l-kbira kien imzaqqaq qisu benniena. Perit ma gabx biex jispezzjona u ghall-bidu kull ma ghamel biddel il-bozoz, ghamel *sink*, biddel il-*mixer* u nehha l-*geyser* li biddel aktar tard. Fl-ewwel gimgha li kien dahal fil-post waqghet bicca konkos mis-saqaf tal-kamra l-kbira u gab bennej li wahhallu travi fis-saqaf tat-tlett ikmamar li kienu fi stat hazin. Ghamel soffitt bejn it-travi izda xorta kien ta' inkonvenjent minhabba l-bicciet tal-konkos li kienu jaqghu fuqu. Irranga wkoll it-tambogg fuq it-tromba tas-saqaf bil-materjal tal-gomma tas-soqfa. Doreen Zahra, mart il-konvenut David Zahra, ikkonfermat l-istat tas-saqaf u li ghamlu travi biex ikunu jistghu

jghixu fil-post minghajr periklu. Qalet li ghamlu xoghol fl-ilma u fid-dawl kif ukoll soffitt fis-saqaf tal-kamra tas-sodda. Qabel ma telqu qalghu l-*plugs* u *switches* li kienu ghamlu flok dawk antiki li kien hemm meta dahlu u hallew il-*wires* minghajr *plugs* u *switches*. Qabel ma telqu l-ilma kien jahdem izda ma ftakritx jekk qalghux xi viti. Joseph Zahra, missier il-konvenut David Zahra, ukoll ikkonferma l-istat tas-saqaf u x-xoghol li sar fir-rigward. Qal li int u tiela' t-tarag ghall-bejt il-hajt kien iswed imgemmed kollu qisu moffa, li l-kamra bis-suffitt tbajdet, inzebghu l-aperturi, sar xoghol ta' *plumbing* u xi haga tad-dawl filwaqt li saru l-bjut bis-*sealer*.

Il-konvenut Alfred Plum xehed dwar ix-xoghol kollu li ghamel fil-post. Riferibilment ghall-bejt qal li kull sena kien ihalleb bis-*sealer* u siment u kull tliet snin itihom *flintcote* jew qatran. Qal ukoll li biddel is-sistema tad-dawl u anke xi *switches* kif ukoll biddel il-kamra tal-banju kompletament. Qal li qatt ma kellu nkwiet dwar soqfa u qatt ma ttebbghu jew qattar ilma u meta kien jara xi tibdil ta' kulur f'xi saqaf kien ibajjad. Qabel ma telaq, rega' dar il-post kollu inkluz il-bjut. Anke t-tromba fuq barra darha bix-xahx, gir, *sealer* u siment, u t-tabbogg bis-*silicone*. Il-linef li kellu qalaghhom u ghamel flokhom *flexible wire* u bozza f'kull kamra imdendla minn mas-*ceiling rose*. Fil-kamra ta' l-injam fuq il-bejt ma halliex hmieg u bajjad qabel ma telaq. Kollox sew halla qabel ma telaq.

A bazi tax-xiehda moghtija, il-perit tekniku ghamel is-segwenti osservazzjonijiet:

"L-esponent, a bazi tas-suespost, huwa tal-opinjoni li l-hsara fis-soqfa, kienet ilha gejja, u fejn fegget, setghet giet mghottija mill-konvenut Plum, fiz-zmien ta' aktar minn 17 il-sena, li fih dam jokkupa dal-post. L-istess konvenut a fol. 30 qal li meta dahal fil-post "qaxxart hitan u soqfa …. u…kull sena kont inhalleb il-bejt bis-sealer waqt li kull 3 snin il-bjut kont intighom flintcote fil-qatran" .

L-esponent huwa tal-opinjoni li b'dan jirrizulta li meta dahal fil-post, is-soqfa qaxxarhom, u sabhom tajbin, waqt li ma jirrizultax li x-xoghol li l-konvenut Plum ghamel fuq il-bjut, kien jirraprezenta manutenzjoni adekwata billi, l-istess xoghol minnu esegwit jirrikkjedi xoghol iehor ancillari anki preparattiv.

L-esponent huwa kkonfortat f'din il-konkluzjoni tieghu anki mix-xhieda tal-istess konvenut Plum li a fol. 31 wara li qal li "jiena qatt ma kelli nkwiet dwar is-soqfa u qatt ma ttebbghu jew qattar ilma, u meta kont nara xi tibdil ta' kulur f'xi saqaf …. kont imbajjad….ikun hemm xi naqra taqa, naghmilha dritt, pero' ma kienx hemm, allura qatt ma kelli bzonn naghmilha…."

L-indikazzjonijiet mix-xhieda u mill-konstatazzjonijiet effettwati, juru li s-soqfa kienu soggetti ghall-perkolazzjoni tal-ilma tax-xita, u dan independentement mill-fatt jekk ix-xibka inkixfitx waqt iz-zmien tal-okkupazzjoni mill-konvenut Plum, jew wara li hareg mill-post, jew waqt ix-xoghol li sar fuq is-soqfa minn missier il-konvenut David Zahra..

Mir-rapport tal-perit Anthony Muscat jirrizulta illi sa minn zmien qabel ma sar dan ir-rapport, f'Novembru 1993, ma kinitx saret manutenzjoni fuq il-wicc tal-bjut.

Dan l-istat ta' fatt gie konstatat anki mill-esponent sa mill-ewwel access minnu mizmum f'April 1995.

Illi l-esponent gja rrimarka dwar il-fatt li fil-bini tas-soqfa, ix-xibka tqieghdet l-isfel hafna, b'mod li ma kelliex ghatu ta' konkos tal-hxuna adegwata, u inoltre fuqha kellha kisi rqieq.

Huwa fatt li f'soqfa tal-konkos rinfurzat, ix-xibka wara xi zmien tibda tissaddad, minhabba l-evaporazzjoni u kondensazzjoni li jkun hemm fl-istess ambjenti.

Is-sadid fix-xibka, ghalhekk, ma jistax jigi eskluz, specjalment f'post, bhal dak in kwistjoni, li ilu mibni hafna snin.

Inoltre, aktar ma tkun l-isfel ix-xibka, u aktar ma tkun irqieqa l-kisja tas-saqaf, aktar ma hemm it-tendenza biex ix-xibka tissaddad.

Naturalment l-umdita u t-tnixxja minn bejt tkompli tiggrava is-sitwazzjoni biz-zieda tas-sadid fix-xibka. Il-fattur li jirregola jekk hemmx perikolu fis-saqaf, jew le, jiddependi minn kemm ikun avvanzat l-istat tas-sadid fix-xibka, u dan kkunsidrat flimkien mal-ispan jew wisgha tal-ambjent li biha jkun imsaqqaf.

Fil-kaz attwali, ix-xibka ma tidhirx li ghandha spessur jew hxuna adegwata, u l-istat ta' sadid fiha huwa tali li hemm il-htiega li s-soqfa jimbidlu.

Dan il-fond jikkonsisti f'kamra tat-tarag fil-pjan terren konducenti ghal-livell tal-ewwel sular, fejn hemm parti minnha msaqqfa biex giet iffurmata kamra ta' forma rregolari, frontaggjanti t-triq, bi 3 kmamar ohra, wahda ma genb l-ohra, ukoll fronteggjanti t-triq, waqt li fuq in-naha ta' gewwa, hemm kamrin, ad uzu ta' kcina, li hu accessibli mill-pjan tat-tarag, u kamra tal-banju li tigi wara l-kamrin, u li hi minnu accessibli.

Fil-livell tal-bjut hemm kamra tal-injam, fuq il-bejt sovrappost ghall-pjan tat-tarag tal-ewwel sular, (mibnija mill-konvenut Plum) u kamra ohra simili fuq il-bejt ta’ parti mill-kamra ta’ gewwa nett, fronteggjanti t-triq, li nbniet mill-konvenut Zahra.

Fuq il-bejt jidher qatran taht qoxra siment, li pero ma jirraprezentax, bil-qsim li fih, mod adegwat biex tigi milqugha l-possibilita ta' tnixxija tal-ilma tax-xita.

Mir-riassunt tax-xhieda u dokumenti jirrizulta li meta l-konvenut Plum, dahal fil-post, li fih dam ghal aktar minn 17 il-sena, is-soqfa u l-bjut kienu fi stat tajjeb.

Meta gie vvakat il-post mill-konvenut Plum, irrizultat hsara fis-soqfa, li kompliet tinkixef bix-xoghol tat-tibjid li gie esegwit minn missier il-konvenut Zahra, fil-bidu tal-okkupazzjoni tal-fond li fih dam ghal perjodu ta’ xi sena.

L-esponent huwa tal-opinjoni li fis-sena ta’ okkupazzjoni tal-fond mill-konvenut Zahra, is-soqfa kienu gja fi stat hazin, u ghalhekk kienu gja perikoluzi u anki jekk f’dis-sena ma saritx manutenzjoni fuq il-bjut, kif dikjarat mill-perit Muscat, dan in-nuqqas ma kontribwiex b’mod rilevanti ghall-istat asttwali tas-soqfa, billi dawn kienu gja fi stat kundannabbli u perikoluz”.

Huwa ghalhekk ikkonkluda li l-istat hazin tas-soqfa gie kkrejat waqt l-okkupazzjoni tal-fond mill-konvenut Alfred Plum b'mod li l-perkolazzjoni ta' l-ilma tax-xita mill-bjut kompliet izzid konsiderevolment is-sadid fix-xibka rizultanti mill-fatt li ma kienx hemm hxuna ta' qoxra adegwata ta' konkos u kisi bhala ghata ghall-istess xibka. Ghalhekk iddetermina li d-danni dwar is-soqfa ghandhom jigu sopportati kwnatu ghal 80% mill-konvenut Alfred Plum u kwantu ghal 20% mis-sidien, cioe` l-atturi.

Dwar hsarat ohra l-perit tekniku kkonstata li t-tibjid fil-post kien jindika tracci ta' moffa f'xi partijiet minnu, fil-kcina ma kienx hemm la *geyser* u lanqas *sink*, fil-kamra tal-banju l-*mixer* kien nieqes, il-plakki tad-dawl kienu neqsin ukoll, il-*wires* minghajr bozoz, u l-aperturi esterni neqsin miz-zebgha. Huwa rrefera ghax-xiehda ta' Alfred Plum dwar il-miljoramenti li ghamel fil-post tul l-okkupazzjoni tieghu u ghax-xiehda ta' David Zahra li qal li meta dahal kien hemm *mixer* li ma jahdimx, il-*geyser* li deher imtaqqab u hafna madum ma' l-art fil-kcina kif ukoll dik ta' Doreen Zahra li ammettiet li qabel ma telqu qalghu l-*plugs* u s-*switches* filwaqt li ma ftakritx jekk qalghux xi viti. Irrefera wkoll ghal dak li xehdet Doreen Zahra meta qalet li l-post *"bajjadnieh, pero` mhux kollu"* u li *"qabel ma dhalna rrangajnieh u lestejna xi xahar wara"*.
Minn dan ikkonkluda li meta l-konvenut David Zahra dahal fil-post kien hemm il-*mixer*, il-*geyser* il-*plugs* u s-*switches* u li, ghalkemm ma ssemiex fix-xiehda, seta' jigi prezunt li kien hemm ukoll is-*sink* tal-kcina.

Inoltre qal li meta l-konvenut David Zahra dahal fil-post, accettah fl-istat attwali li sabu u ghalhekk ha fuqu r-responsabbilta` li jzommu fi stat adegwat ta' manutenzjoni u jhallieh fl-istess stat qabel ma johrog. Ghalhekk, salv dak li ntqal rigward il-hsarat fis-soqfa, in-nuqqasijiet l-ohra riskontrati mill-atturi meta hadu l-post f'idejhom ghandhom jigu sopportati mill-konvenut David Zahra. Dwar l-oggetti li nstabu neqsin, il-Qorti taqbel li l-istima ghandha tirrifletti l-*fair wear and tear* galadarba si tratta ta' oggetti uzati.

Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-perit tekniku li z-zewg konvenuti ghandhom jitqiesu responsabbli ghall-hsarat fil-post u dan fil-mod kif dettaljat mill-istess perit tekniku. Ghalkemm il-konvenut Alfred Plum stqarr li halla kollox sew fil-post, ma jirrizultax li talab lid-Dipartiment tad-Djar biex jispezzjonaw il-post meta kkonsenjalhom c-cwievet sabiex dan ikun jista' jigi ccertifikat minnhom. Anke meta l-konvenut David Zahra ha l-post ma talabx li jsir *condition report* u sahansitra lanqas talab perit biex jispezzjona l-post. Ghalhekk huwa gust li d-danni jigu sopportati kif rakkommandat mill-perit tekniku.

L-istimi moghtija mill-perit tekniku huma s-segwenti:

(A) Rimpjazzament tas-soqfa ta' tlett ikmamar, inkluz it-twaqqiegh u kontrabejt, bini ta' soqfa bil-konkos rinfurzat, provvista ta' kontrabejt, kisi

ta-soqfa, traqqiegh ta’ soqfa ohra fejn giet tidher ix-xibka bix-xoghol rimedjali bl-uzu tas-SIKA u kisi ta’ l-istess soqfa (fol. 33 tar-relazjoni) ………….. **Lm1,600**.

Ghal dan ghandu jaghmel tajjeb il-konvenut Alfred Plum fil-proporzjon ta’ 80%, cioe` fis-somma ta’ **Lm1, 280**.

(B) Tibjid tal-post kollu fl-ewwel sular (fol. 33/34 tar-relazzjoni) ..………… **Lm250**

*Sink* tal-kcina, *mixer*, *geyser*, *plugs* u plakki (fol. 33/34 tar-relazzjoni) … **Lm110**

Tnehhija tal-kamra mibnija mill-konvenut Zahra (xiehda tal-perit tekniku in eskussjoni fil-31 ta’ Ottubru 2000) ………..Lm**70**

Total (B)…. **Lm430**

Ghal din is-somma ta’ **Lm430** irid jaghmel tajjeb il-konvenut David Zahra.

(C) Meta l-perit tekniku ssejjah biex iwiegeb ghal xi domandi in eskussjoni, saritlu referenza ghall-bieb tal-bejt. Huwa qal li ghalkemm semmieh fir-relazzjoni, ma pprovdiex ghar-rimpjazzament tieghu. Fil-fatt l-uniku post fejn jaghmel riferenza ghall-bieb tal-bejt huwa fl-ahhar paragrafu tar-relazzjoni tieghu fejn ighid li r-ritratt Dok. ND13 juri l-bieb tal-bejt (dan il-bieb in effetti

jidher ukoll fir-ritratt Dok. ND11). Imkien pero` ma jghid li dan il-bieb jinhtieg li jigi rimpjazzat. Fl-accessi li huwa zamm, u specjalment fit-tieni access, ma jsemmix il-bieb tal-bejt u wisq anqas  ma jaghmel ebda osservazzjoni dwar xi nuqqas fil-bieb tal-bejt. Ghaldaqstant il-Qorti ma jidhrilhiex li tista' tinghata konsiderazzjoni ghal dan l-ilment meta lanqas ma gie puntwalizzat waqt l-accessi.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici jridu jigu milqugha kif hawn fuq espost.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tliqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-hsarat kkawzati fil-fond "Deneve", Misrah il-Barrieri, Msida u d-danni konsegwenzjali sofferti mill-istess atturi,
(2) tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont komplessiv ta' Lm1,710, u
(3) tikkundanna lill-konvenut Alfred Plum ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm1,280 u lill-konvenut David Zahra ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm430, bl-imghax f'kull kaz dekorribbli millum.

Bl-ispejjez li jithallsu kwantu ghal 75% mill-konvenut Alfred Plum u kwantu ghal 25% mill-konvenut David Zahra.

**ONOR. IMHALLEF**

**DR. DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**